Jiena ma naqbilx li s-Segretarju Ezekuttiv ghandu jinghata l-full performance bonus ghar-ragunijiet li gejjin:

i) Minkejja li l-kunsilliera kollha kienu ftehmu li ghandhom jinxtraw u jitqieghedu, kellha tkun mozzjoni tieghi madwar 6 xhur wara biex id-dog bins jitwehlu;

ii) Minkejja l-fatt li konna ftehmna li ser jitqieghed traffic lights fejn iz-zebra crossing fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, ghadu ma sar xejn. Kellha wkoll tingieb kwotazzjoni biex ikolna d-dwal bhal dawk li hemm gewwa H'Attard (bil-photovoltaic);

iii) Dewmien ezagerat biex jinghataw twegibiet permezz tal-email; !!!

iv) Kellhom jigi annessi mal-minuti korrezzjonijiet jew appendici – izda fuq il-minuti li hemm fuq l-internet dan ghadu ma sarx.

v) Il-ftehim li kien gie pprezentat fl-ahhar tal-2010 bejn il-kunsill u l-Lija Athletic FC gie totalment injorat;

vi) Il-banner li kellu jsir ghal Festival tac-Citru sar tard u twahhal biss jumejn qabel l-avveniment;

vii) Nuqqas ta' gharfien fuq il-ligi:
   a) Kemm dwar li ghandha tintbaghat l-iskeda tal-pagamenti kif ukoll il-minuti tal-laqgha precedenti flimkien mal-agenda;
   b) Kif ukoll nuqqas ta' gharfien lis-sindku li ghandhom isiru rapporti li mbad jigu pprezentati fil-laqgha tal-kunsill

viii) Il-multa ta' madwar €750 li qala l-kunsill ma tpoggietx fuq l-agenda u giet biss diskussa ghaliex qajjimt dak il-punt jiena waqt il-laqgha;

ix) Ma tpoggiex fuq l-agenda (u lanqas gie diskuss meta nhareg) ir-rapport tal-awditur meta kien imsemmi l-kunsill ta' Hal-Lija. Dan gie biss diskuss meta jien semmejt ir-rapport waqt il-laqgha.

Submitted 31 January 2012

[signature]